

Kitba ta' Charles Debono

# L-ISQOF MONS. EMM. GALEA LEJN IT-TRIQ TAL-BEATIFIKAZZJONI

Hekk kif konna sejrin għall-istampar ta' dan il-magazine annwali l-Arċisqof ta' Malta Mons. G. Mercieca ħabbar illi kien se jinbeda l-proċess għall-beatifikazzjoni ta' l-Isqof Mons. Emm. Galea. Għalina ż-Żwieten żgur li kienet aħbar mill-isbaħ għaliex għad li l-Isqof Galea twieled ġewwa l-Isla fl-10 ta' Marzu, 19891 huwa għadda parti sewwa minn ħajtu jgħix u jaħdem fostna. Huma ħafna ż-Żwieten illi għadhom jiftakru lil dan l-Isqof bħala xempju ta' umilta', predikatur mill-aqwa u qassis li għamel missjoni minn ġol-konfessinarju. Infatti konna nqisu lill-Isqof Galea bħala wieħed minna għaliex qatt ma naqas li jkun preżenti fl-okkażjonijiet tista' tgħid kollha tal-parroċċa. Rari kienet tonqos il-preżenza tiegħu ġewwa l-knisja parrokjali fil-festa ta' Santa Katarina sew meta kien imexxi l-funzjoni kif ukoll meta ma kienx. Huwa għamiel il-paniġierku ta' Santa Katarina diversi drabi bl-aħħar wieħed ikun ftit snin qabel ma' miet. Il-preżenza tiegħu fil-kor qatt ma naqset. Meta l-poplu kien poġġa l-kururna tad-deheb fuq ras l-istatwa ta' Santa Katarina huwa kien simpatetiku ħafna mal-poplu Żejtuni tant li stqarr mas-segretarju tiegħu Dun Ġużepp Desira, li "sewwa għamlu".

Niftakar ta' tfal li konna kull nhar ta' Sibt ma konniex infallu l-appuntament tagħna ma' l-Isqof Galea biex immorru nqerru għandu. Il-kliem ħelu u nkoraġġanti tiehgu għadhom jidwu ġo widnejja sal-lum. Niftakar ukoll dawk it-taħdidiet bis-slides li kien jorganizza ġewwa d-Domus bi preparazzjoni għall-festa tas-Sagra Familja. In-nies kienet tikkonkorri bi ħġara tisma' u titgħallem.

Anke fil-ħajja soċjali l-Isqof Galea qatt ma baqa' lura. Is-Soċjeta' Beland, tista' tiftaħar illi kellha bosta konnessjonijiet mill-qrib ma' dan l-Isqof qaddis. Infatti sentejn wara li ġie kkonsagrat Isqof nhar il-5 ta' Lulju, 1942 huwa kkonsagra lis-Soċjeta' lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija. Dan seħħ fl-24 ta' Settembru tal-1944 wara quddiesa fil-kappella tal-każin. Matul is-snin huwa qaddes u ġedded diversi drabi il-konsagrazzjoni tas-Soċjeta' lill-Qalb Imqaddes ta' Ġesu' u l-Qalb bla Tebgħa ta' Marija. Huwa kien preżenti wkoll fil-festi ċentinarji tal-Banda Beland fl-1961 u żar lis-Soċjeta' diversi drabi oħra f'okkażjonijiet differenti.

Kienet għalhekk deċiżjoni għaqlija tal-Kumitat ta' l-Għaqda Mużikali Beland illi bħala rikonoxximent l-Banda Beland takkumpanja lill-Isqof Galea fl-aħħar vjaġġ tiegħu f'din id-dinja fil-funeral li sar ġewwa ż-Żejtun nhar l-24 ta' Awissu, 1974.

Nitolbu biex il-Mulej jagħtina l-grazzja li naraw lill-Isqof Galea għall-qima ta' l-altari.



Mons. Arċisqof G. Mercieca qed jissigilla l-fdalijiet tal-Isqof Galea meta ġew trasportati miċ-ċimiterju ta' San Ġirġor għal knisja tal-Istitut Ġesù Nazzarenu.